MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-22 ta' April, 2013

Avviz Numru. 120/2009

**Planit Travel Services Limited**

**Vs**

**Mark Anthony Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Planit Travel Services Limited fl-1 ta' April 2009 permezz ta' liema titlob li Mark Anthony Camilleri jigi kkundannat ihallasha is-somma ta' hamest elef hames mija hamsa u tmenin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€5,585.84) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li fir-rigward taghha huwa kien hareg cheque li però ma ssarrafx u li sussegwentement kien ghamel xi pagamenti akkont tas-somma dovuta, liema somma però baqghet ma thallsitx *in toto* nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 816/09 fl-

ismijiet “Planit Travel Services Limited v. Mark Anthony Camilleri”, kontra Mark Anthony Camilleri;

Rat id-dokument markat Dok. “A” anness mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process;

Rat ir-Risposta ta’ Mark Anthony Camilleri permezz ta’ liema jopponi ghat-talba tas-socjetà attrici in bazi ghall-eccezzjonijiet li: (i) ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici, kif ukoll li ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika maghha; (ii) huwa ma ordna l-ebda servizzi minghand is-socjetà attrici u din ma pprovdietlu l-ebda servizzi; u li (iii) l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut minnu;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tal-25 ta’ Mejju 2009[1], ix-xhieda ta’ Tony Vella moghtija waqt is-seduti tal-21 ta’ Jannar 2010[2], tat-8 ta’ Novembru 2010[3] u ta’ l-24 ta’ Jannar 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. “TV1” sa’ “TV3” a fol. 18 sa’ 20 tal-process, Dok. “TV4” sa’ Dok. “TV7” a fol. 45 sa’ 51 tal-process, rat ukoll id-dokumenti markati Dok. “GV1” u Dok. “GV2” a fol. 55 sa’ 57 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Aaron Stivala moghtija waqt is-seduta tal-21 ta’ Jannar 2010[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. “AS1” u Dok. “AS2” a fol. 21 sa’ 23 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Marushka Buttigieg Gili in rapprezentanza tal-Banif Bank moghtija waqt is-seduta tat-22 ta’ Frar 2010[6] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. “MGB1” u Dok. “MGB2” a fol. 39 u 40 tal-process;

Rat in-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata mis-socjetà attrici fis-26 ta’ Jannar 2011 u id-dokument anness maghha markat Dok. “PTS1”[7] li biha s-sorte giet ridotta ghal €4,585.84;

---

[1] Fol. 12 tal-process.
[2] Fol. 24 sa’ 29 tal-process.
[3] Fol. 52 u 53 tal-process.
[4] Fol. 58 tal-process.
[5] Fol. 30 sa’ 32 tal-process.
[6] Fol. 41 u 42 tal-process.
[7] Fol. 59 u 60 tal-process.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha is-somma ta’ €5,585.84, in segwitu ridotta ghal €4,585.84, rapprezentanti bilanc minn somma akbar fir-rigward ta’ liema l-konvenut kien hareg cheque li ma issarrafx u in segwitu effettwa pagamenti akkont. Il-konvenut jilqa’ ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet li (a) ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici u li ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika maghha; (b) huwa ma ordna l-ebda servizzi minghand is-socjetà attrici u din ma pprovdietlu l-ebda servizzi; u li (c) l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut minnu.

Mill-provi prodotti mis-socjetà attrici jirrizultaw is-segwenti fatti:

- F’xi zmien is-socjetà attrici giet avvicinata minn certu Gaetano Tamburella dwar negozju konsistenti f’li jingiebu turisti minn Sqallija lejn Malta, bil-possibilità li jibqghu sejrin lejn l-Egittu wkoll;
- Meta Gaetano Tamburella ltaqa’ ma’ rapprezentant tas-socjetà attrici kien akkumpanjat mill-konvenut u Tamburella introducieh bhala *partner* mieghu fin-negozju u l-agent tieghu hawn Malta;
- Is-servizzi mitluba minghand is-socjetà attrici kienu l-provvista ta’ biljetti ta’ l-ajru bejn Catania u Malta u Malta u Catania kif ukoll it-trasport tat-turisti mill-airport ghall-Excelsior Hotel;
- Is-socjetà attrici bhala fatt ipprovdiet kemm il-biljetti ta’ l-ajru kif ukoll is-servizz ta’ trasport tat-turisti ghall-valur komplessiv ta’ €9,585.84;
- Il-biljetti gew ordnati minn Gateano Tamburella u l-konvenut kien biss jghaddi l-hlasijiet ghal dawn l-istess biljetti;
- Il-fatturi ghall-biljetti provduti u servizzi ta’ trasport rezi hargu f’isem GTF Travel Services u l-konvenut ghadda lis-socjetà attrici cheque tieghu personali mahrug mill-Bank Bank ghall-valur ta’ €9,585.84, liema cheque però ma ssarrafx;

- Is-socjetà attrici gharrfet lill-konvenut li hija kienet qed tesigi l-hlas lilha dovut u Gaetano Tamburella assiguraha li l-pagament kien se jigi effettwat;
- Is-socjetà attrici rceviet tlett pagamenti in kontanti akkont ta' l-ammont dovut. Dawn kienu pagament wiehed ta' €2,000 u zewg pagamenti ta' €1,000 il-wiehed;
- L-ahhar pagament akkont gie effettwat fl-20 ta' Jannar 2009 u wara dan il-pagament is-socjetà attrici ghal xi zmien ma rceviet ebda hlasijiet ulterjuri;
- GTF Travel Services irceviet hlas minghand il-Casino di Venezia li kien ikopri l-ammont dovut lis-socjetà attrici u kredituri ohra tad-ditta, izda l-konvenut ghamel uzu mod iehor ta' dawn il-flus ma hallasx lill-kredituri;
- In segwitu ghal laqgha li nzammet bejn rapprezentant tas-socjetà attrici u l-konvenut intlahaq ftehim li l-hlas kien se jigi effettwat mill-konvenut permezz ta' pagamenti rateali ta' €500 il-wiehed;
- Bhala fatt is-socjetà attrici rceviet zewg pagamenti akkont ta' €500 il-wiehed, wiehed fit-30 ta' Novembru 2009 u l-iehor fis-27 ta' April 2010, b'dana li l-bilanc illum lilha dovut huwa ta' €4,585.84.

Ghalkemm il-konvenut ma ressaqx provi biex jissosstanzja l-eccezzjonijiet tieghu u jirribatti dak li rrizulta mill-provi prodotti mis-socjetà attrici, qabel ma tghaddi ghall-gudizzju finali Taghha l-Qorti xorta wahda trid tkun sodisfatta u konvinta li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa effettivament dovut lilha mill-konvenut. Din l-osservazzjoni ssib konferma kemm fil-principju guridiku *actor non probante reus absolivitur* kif ukoll f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Maria mart l-imsiefer Philip Debono et v. Av. Dr. Paolo Mercieca et, Appell Civili Nru. 73/58** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Jannar 2004: *din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm l-ewwel Qorti setghet liberament tillimita ruhha ghal dak li gie formalment eccepit mill-parti konvenuta u tiehu l-premessi attrici bhala konfermati in mankanza ta' opposizzjoni specifika dwarhom mill-parti avversa, fl-istess waqt ma kien hemm xejn milli jipprekludiha li tkun ukoll sodisfatta li dak li ppremettiet l-attrici gie ppruvat u huwa legalment korrett. Ezercizzju tali jinkwadra ruhu fil-parametri ta' dak li jista' jaghmel gudikant qabel jasal ghall-gudizzju tieghu*.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti mis-socjetà attrici jirrizulta li d-debitur principali taghha kien Gaetano Tamburella u/jew id-ditta tieghu GTF Travel Services. Dan il-fatt jirrizulta kemm mill-fattura[8] u *statement of account*[9] esebiti mis-socjetà attrici li huma kjarament indirizzati w intestati li GTF Travel Services, kif ukoll mix-xhieda li Tony Vella, General Manager mas-socjetà attrici, ta waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2010[10], fejn in ezami ddikjara li *kien hemm zmien meta certu Gaetano Tamburella flimkien mal-konvenut kienu gew l-ufficju taghna. Dana Tamburella kien ipprezenta lill-konvenut bhala partner tieghu fin-negozju ta' bejniethom u bhala agent tieghu hawn Malta* u in kontro-ezami ddikjara li *bhala fatt il-biljetti dejjem gew ordnati minn Gaetano Tamburella. Mark Camilleri kien icempel u kien ighidilna li kien se jigi jigbor dawn il-biljetti minghandna. Mark Camilleri kien ighaddi biss il-flus ghal dawn il-biljetti. L-invoices jidhru li hargu intestati f'isem GTF Travel Services Limited u r-raguni hi li meta ahna kellimna lill-konvenut biex naraw fuq min se jinhargu dawn l-invoices huwa kien qalilna biex nohorguhom fuq dan l-istess isem, jigifieri GTF Travel Services. Jiena rrid nghid li l-ordinijiet li Tamburella kien jaghmel maghna kienu kollha taht GTF Travel Services*.

Ghalkemm huwa minnu li fit-13 ta' Dicembru 2008[11] il-konvenut hareg cheque tieghu personali f'isem is-socjetà attrici ghall-valur ta' €9,585.84, ossia l-ammont originarjament pretiz mill-istess socjetà, b'daqshekk ma jfissirx li f'dak il-mument huwa kien qed jagixxi ta' debitur tas-socjetà attrici jew li assuma fuqu l-obbligu li jhallas id-debitu ta' Gaetano Tamburella u/jew id-ditta tieghu GTF Travel Services.

Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **J. & C. Pisani Limited v. Nicholsons The Supermarket Limited et, Citaz. Nru.1499/01** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003, *il-hrug ta' cekk, però, mhiex ghoti ta'*

---

[8] Dok. "TV1" a fol.18 tal-process.
[9] Dok."A" a fol. 2 tal-process.
[10] Fol. 24 sa' 29 tal-process.
[11] Dok. "TV3" a fol. 20 tal-process.

*garanzija u mhiex prova wahdedha li l-pagatur accetta li d-debitu jkun tieghu*[12]*. Fil-kawza "Bonnici v. Cauchi Carter" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc u dikjarata dezerta mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Gunju 1990, kien gie osservat li meta jsir hlas b'cheque ta' kumpanija li ma tkunx id-debitrici, ma jfissirx b'daqshekk li d-debitu sar tal-kumpanija paganti u mhux ta' l-ewwel kumpanija debitrici. Hekk ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Zammit v. Frendo Azzopardi" deciza fl-14 ta' Mejju 1943, osservat li l-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, la mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn*[13]*. Fil-kawza "Catania v. Engerer" deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1988, gie osservat li ladarba l-bejgh sar lill-kumpanija konvenuta, il-konvenut personalment ma kienx responsabbli, nonsotante l-fatt li dan ta' l-ahhar kien hu li ffirma ghall-ordni*[14]*.*

Il-Qorti lanqas ma tista' tasal ghall-konkluzjoni li bil-pagamenti akkont li saru sa' l-20 ta' Jannar 2009 il-konvenut b'xi mod assuma fuqu l-obbligu versu s-socjetà attrici li jhallasha l-ammont minnha pretiz. In effetti s-socjetà attrici ma pprezentat ebda ricevuta tal-hlasijiet effettwati li minnha jista' jirrizulta min kien qed jagixxi ta' debitur tas-socjetà attrici u minnha rikonoxxut bhala tali.

Fil-fehma tal-Qorti però s-sitwazzjoni inbidlet wara li gie effettwat il-pagament €1,000 fl-20 ta' Jannar 2009. In effetti ghal certu zmien wara dan il-pagament is-socjetà attrici ma rcevietx iktar hlasijiet sakemm f'laqgha li nzammet mal-konvenut gie miftiehem li l-istess konvenut ihallas il-bilanc dovut permezz ta' pagamenti rateali ta' €500 il-wiehed, b'dana li assuma d-dejn ta' Gaetano Tamburella u/jew id-ditta tieghu GTF Travel Services.

Dan il-ftehim gie kkonfermat min Aaron Stivala li waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2010[15] xehed illi *f'Novembru tas-sena l-ohra, jigifieri f'Novembru 2009 kien gie* [Mark

---

12 Sottolinear tal-Qorti.
13 *Ibid.*
14 *Ibid.*
15 Fol.30 sa' 32 tal-process.

Camilleri] *l-ufficcju tieghi u konna lhaqna ftehim li l-bilanc dovut jithallas permezz ta' pagamenti rateali ta' hames mitt euro il-wiehed. Jiena kont accettajt li nithallas b'hames mitt euro fix-xahar, basta li l-bilanc dovut jithallas. … Nghid li ahna matul Novembru u minn Novembru lil hawn saret ukoll korrispondenza. L-ewwel korrispondenza saret permezz ta' e-mail datat 17 ta' Novembru fejn Mark Camilleri qed jitlob laqgha mieghi biex naraw kif nistghu nissetiljaw il-kwistjoni ta' bejnietna. Bhala fatt l-laqgha saret fit-18 ta' Novembru u hija l-istess laqgha li semmejt qabel fejn sar il-ftehim dwar il-hlasijiet rateali ta' hames mitt euro fix-xahar u fil-fatt wara din il-laqgha Mark Camilleri kien baghtli email fejn qieghed jikkonfermali li l-ewwel pagament kien intbaghat mill-avukat tieghu. Bhala fatt ahna ic-cekk ta' hames mitt euro konna rcevejnieh minghand l-avukat ta' Mark Camilleri u konna ddepozitajnieh.*

Ir-raguni ghalfejn il-bilanc in kwistjoni kellu jithallas mill-konvenut u mhux minn Gateano Tamburella u/jew GTF Travel Services jirrizulta mix-xhieda li ta Tony Vella waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2010[16]: *il-kwistjoni kollha hija li l-Casino di Venezia li kien il-klijent ahhari ta' Mark Camilleri u Tamburella fin-negozju li kellhom, kien ghadda l-flus lil Mark Camilleri, izda Mark Camilleri minflok ma ghaddihom lilna kien uzahhom ghal affarijiet ohra u lili dejjem kien jghidli "tini ftit taz-zmien, issa nhallsek ghax ghandi problemi finanzjarji". Li l-pagament kien sar mill-Casino di Venezia lil Mark Camilleri taht il-kumpanija li ghandu hawn Malta, dana nafu in segwitu ghall-meeting li kien sar bejna u bejn Gaetano Tamburella u l-istess Mark Camilleri r-Radisson. Fil-fatt kien Gaetano li qalilna li l-pagament mill-Casino kien ghadda ghand Mark u li Mark dan ic-cheque kien sarrfu izda wzah ghal affarijiet ohra u ghalkemm inghadd dan id-diskors quddiem Mark huwa ma cahadtx il-verità tieghu. Il-pagament li l-Casino di Venezia ghadda lil Mark Camilleri kien ikorpi l-ammont kollu li originarjament kien dovut lis-socjetà attrici.* Aaron Stivala ukoll ikkonferma li *jiena personalment kellimt lil*

[16] Fol. 24 sa' 29 tal-process.

*Tamburella fuq dawn il-flus u qalli hu stess qieghed ifittex jew ser ifittex lil Mark Camilleri ghalihom*.

In materja ta' assunzjoni ta' dejn huma principji assodati li:

- *L-assunzjoni tad-dejn jippresupponi li l-obbligazzjoni tkun giet assunta minn dak li jkun b'mod principali. Dan fis-sens ta' 'constitutum debiti alieni' ossia ta' l-'animus solvendi debiti alieni' tad-dritt Ruman. Josserva l-Baudry (Fideissione, para 916) 'la promessa di pagare il debito altrui non è una vera fideissione; essa costituisce una obbligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione'. Tali assunzjoni ta' dejn mhux mehtieg li tirrizulta minn xi kitba, izda minn kwalunkwe prova ohra, basta tkun cara u konkludenti*[17]*;*
- *Huwa elementari illi meta persuna tassumi li thallas id-dejn dovut mit-terz din tkun qed taghmel dan bi flejjes proprji taghha u mhux, allura, bi flejjes tad-debitur innifsu. Kif ragunat minn certi trattisti taljani, fosthom Cian (Pagamento D, 4a ed. 241s) u Bianca (L'Obbligazione 286ss) 'l'adempimento del terzo costituerebbe atto negoziale solo quando il terzo medesimo, nell' adempiere, disponga della propria sfera giuridica (ciò che deve escludersi, ad esempio, quando il terzo utilizzando denaro ricevuto dal debitore), rimanendo, altrimenti, un semplice atto esecutivo'*[18]*.*

Applikati l-imsemmija principji guridici ghall-kaz in ezami ghandu jirrizulta li bhala fatt il-konvenut assuma versu s-socjetà attrici l-obbligu tal-hlas tad-dejn ta' Gaetano Tamburella u/jew id-ditta tieghu GTF Travel Services.

Ghad illi fil-kaz in ezami l-assunzjoni tad-dejn da parte tal-konvenut ma tirrizultax minn ftehim *ad hoc* redatt bil-miktub, il-Qorti hija konvinta li bhala fatt tali assunzjoni tad-dejn sehhet.

---

[17] Saviour Farrugia noe v. Joyce Farruiga et, Citaz. Nru. 1521/95 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2004.

[18] PJ Shutters Company Limited v. Michael Debono, Appell Civili Nru. 763/02 deciza mil-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004.

Jibda biex jigi osservat li l-konvenut ma ressaqx provi li sodisfacentement jikkontradicu jew igibu fix-xejn dak affermat minn Aaron Stivala u Tony Vella dwar il-ftehim milhuq u r-raguni ghall-istess. Apparte dan mill-e-mails esebiti minn Aaron Stivala markati bhala Dok. “AS1” u Dok. “AS2” a fol. 21 sa’ 23 tal-process, jirrizulta b’mod car li l-konvenut kien dispost li huwa stess ihallas l-ammont pretiz mis-socjetà attrici. In effetti bl-e-mail datata 17 ta’ Novembru 2009 il-konvenut staqsa lil Aaron Stivala *kindly give me a time and date when we can meet to sort pending balance* u bl-e-mail datata 27 ta’ Novembru 2009 – u cioè f’data wara li ntlahaq il-ftehim dwar il-hlas – gharraf lil Aaron Stivala *you shall receive the first payment today or tomorrow as has been posted by my lawyer yesterday morning*.

Ghalkemm meta l-konvenut ghadda l-pagamenti lis-socjetà attrici fil-25 ta’ Novembru 2009[19] u fis-27 ta’ April 2010[20] kull darba gie premess li *we have been instructed by Mr Mark Camilleri who is acting for and on behalf of Mr Gaetano Tamburella who resides in Italy, to forward you on behalf of the said Mr Tamburella the amount of €500 as payment on account of the above-captioned invoice* [Invoice GTF/P01/2008]. *BOV cheque No. [*1555 – l-ewwel pagament u 1649 – it-tieni pagament] *is herein enclosed. It is hereby expressly being stated that this payment is being effected absolutely without prejudice to Mr. Camilleri’s position vis-à-vis the court procedures instituted by your goodselves against him namely (Avviz Nru. 120/2009MM)* u ghalkemm il-hlasijiet hekk mibghuta gew accettati mis-socjetà attrici, il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma li ciò nonostante tissussisti l-assunzjoni tad-dejn favur is-socjetà attrici da parte tal-konvenut u li ghalhekk ir-rimanenti bilanc huwa minnu dovut lill-imsemmija socjetà.

Proprio ghaliex dawn il-hlasijiet gew effettwati fil-mori tal-proceduri, li gew istitwiti fl-1 ta’ April 2009, il-konvenut kellu kull interess li jibghat il-pagamenti in kwistjoni b’dan il-mod biex nonostante l-ftehim milhuq u l-obbligu minnu

---

[19] Dok. “GV2” a fol. 57 tal-process.
[20] Dok. “GV1” a fol. 55 u 56 tal-process.

assunt fil-konfront tas-socjetà attrici jipprova jcahhadha mill-jeddijiet taghha kontrih. Fic-cirkostanzi ghalhekk u minkejja l-fatt li l-pagamenti kif mibghuta gew accettati mis-socjetà attrici, il-Qorti ma hijiex ha tbiddel il-fehma taghha dwar il-fatt li in verità l-konvenut assuma l-obbligu tal-hlas tal-bilanc ta' €5,585.84 versu s-socjetà attrici u li ghalhekk il-bilanc attwali ta' €4,585.84 dovut lis-socjetà attrici ghandu jithallas minnu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li t-talba attrici hija gustifikata u jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talba tas-socjetà attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €4,585.84, bil-imghax legali dekoribbli mill-5 ta' Mejju 2010, id-data ta' l-ahhar pagament akkont, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 816/09 fl-ismijiet "Planit Travel Services Limited v. Mark Anthony Camilleri", ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------